



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' April 2024
(OR. en)

8557/24

LIMITE

CORLX 369
CFSP/PESC 526
CONOP 19
CONUN 87
COARM 80

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1694 b'appoġġ għall-universalizzazzjoni, l-implimentazzjoni u t-tisħiħ tal-Konvenzjoni dwar Projbizzjonijiet u Restrizzjonijiet fuq l-Użu ta' Ċerti Armi Konvenzjonali Li Jistgħu Jitqiesu li Huma Ta' Ħsara Eċċessiva jew li Għandhom Effetti Indiskriminati (CCW)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1694
b'appoġġ għall-universalizzazzjoni, l-implimentazzjoni u t-tisħiħ
tal-Konvenzjoni dwar Projbizzjonijiet u Restrizzjonijiet
fuq l-Użu ta' Ċerti Armi Konvenzjonali Li Jistgħu Jitqiesu
li Huma Ta' Ħsara Eċċessiva jew li Għandhom Effetti Indiskriminati (CCW)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Settembru 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1694¹.
- (2) Fis-16 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1181² li testendi l-perjodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/1694 sat-8 ta' Mejju 2024.
- (3) Fit-3 ta' April 2024, l-aġenzija ta' implimentazzjoni, l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet ta' Diżarm (UNODA), talbet estensjoni addizzjonali mingħajr spejjeż tal-proġett sal-31 ta' Diċembru 2024.
- (4) L-estensjoni hija mitluba minħabba sfidi sostanzjali, fost l-oħrajn ikkawżati mis-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-pajjiżi u r-reġjuni fil-mira tal-proġett, kif ukoll dewmien kontinwu minħabba dewmien aktar bikri fir-reklutaġġ għall-proġett.
- (5) L-estensjoni ser tippermetti lill-UNODA jiffinalizza l-oġettivi u l-attivitajiet tal-proġett,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1694 tal-21 ta' Settembru 2021 b'appoġġ għall-universalizzazzjoni, l-implimentazzjoni u t-tisħiħ tal-Konvenzjoni dwar Projbizzjonijiet jew Restrizzjonijiet fuq l-Użu ta' Ċerti Armi Konvenzjonali Li Jistgħu Jitqiesu li Huma Ta' Ħsara Eċċessiva jew li Għandhom Effetti Indiskriminati (CCW) (ĠU L 334, 22.9.2021, p. 14).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1181 tas-16 ta' Ġunju 2023 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1694 b'appoġġ għall-universalizzazzjoni, l-implimentazzjoni u t-tisħiħ tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjonijiet u r-Restrizzjonijiet fuq l-Użu ta' Ċerti Armi Konvenzjonali Li Jistgħu Jitqiesu li Huma Ta' Ħsara Eċċessiva jew li Għandhom Effetti Indiskriminati (CCW) (ĠU L 156, 19.6.2023, p. 37).

Artikolu 1

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/1694, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2024."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
